HAL BALZAN

IT-TIENI SENA Nru. 12 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — LULJU/AWWISSU 1973

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(12) IL-KNEJJES IŻ-ŻGHAR TA' HAL BALZAN

Minn Dun Ġ. DIMECH

IL-KNISJA TA' S. MARIJA *(ikompli)*

Jekk id-devozzjoni qadima fost il-Balzanin lejn it-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma bir-ruħ u l-ġisem rajniha tidher biċ-ċar fil-bini ta' l-Ewwel Knisja li bnew taħt dan it-titlu, xejn inqas ma tidher li naqset din id-devozzjoni fost dawk li ġew warajhom. Dan jixhdu l-fatt li, għal medda ta' kważi mitejn sena, it-Tieni Knisja, mibnija fl-istess post ta' dik ta' qabilha, kienet iffrekwentata u miżmuma fi stat mill-aħjar. Dan jidher ċar mill-fatt li minn dak in-nhar li din it-tieni knisja ġiet imbierka, nhar l-10 ta' Marzu 1675, sas-sena 1785 kienet mhux biss miżmuma tajjeb, iżda wkoll ġiet imsebbħa u mżejna mill-aħjar. (1)

Iżda ġara li minħabba xi raġunijiet u ċirkustanzi, din il-knisja bdiet tiġi ttraskurata. Tant hu hekk li mill-Viżta Pastorali li għamel lil dan ir-Raħal l-Isqof Vincenzo Labini, nhar it-12 ta' Diċembru 1791, fir-relazzjoni li ta dwar din il-Knisja qal li sab li kienet qed tiġi ttraskurata u li xi paramenti kienu qed jonqsuha (2). L-istess ħalla miktub dan l-Isqof fir-relazzjonijiet tal-Viżti tas-snin 1793, 1798 u 1802. Qal li kien l-artal prinċipali biss li kien baqa' tajjeb biex fuqu jista' jibqa' jsir il-Quddies.

Għad li l-istess Isqof Mons. Labini, meta għamel il-Viżta Pastorali tiegħu lil Hal Balzan nhar is-6 ta' Mejju 1804, kien iddikjara pprofanati l-Knejjes ta' l-Annunzjata l-Qadima u dik ta' San Anard, huwa ma iddikjarax il-Knisja ta' Santa Marija bħala pprofanata, iżda qal li għad li ma tantx kienet miżmuma tajjeb kellha l-artal li kien għadu tajjeb għall-quddies, u għalhekk ma ikkundannahiex. (3)

Wara dik is-sena l-Isqof Mons. Labini kien għamel żewġ viżti oħra lil din il-Knisja fl-1805; sabha miżmuma mhux ħażin u l-Prokuratur tagħha kien Dun Salv Sammut. (4)

Nhar it-12 ta' Novembru 1809 għamel l-ewwel żjara tiegħu lil din il-Knisja l-Isqof Fra Ferdinando Mattei. Sentejn wara, nhar it-18 ta' Ottubru 1811, dan l-istess Isqof faħħar il-mod kif kienet miżmuma din il-Knisja. (5)

Iżda bejn l-1811 u l-1820 din il-Knisja ġiet iddikjarata bħala profanata. Dan jurihulna kont li hemm imniżżel fil-ktieb tal-kontijiet tal-1809-1890 fl-arkivju parrokkjali. Fil-faċċata 43 insibu dan: "Kont ta' l-ispejjeż li saru fil-Knisja Filjali ta' Santa Marija fis-sena 1318 biex din il-Knisja tkun tista' terġa' titbierek mill-ġdid". (6)

Żewġ ħaddiema ħadmu disat ijiem — 7 skudi u 6tari.
Ġir u deffun — 10 skudi u 3 tari.
Erbat ijiem xogħol — 4 skudi u 2 tari.
Ġarr ta' materjal — 1 skud.
Tnejn ħadmu għal ġimgħa fuq il-bejt — 4 skudi u 8 tari.
Ġarr ta' ġebel u lin-naġġara — 7 skudi u 6 tari.
Jumejn xogħol ta' tnejn — 1 skud u 4 tari.
Ratlejn imsiemer — 10 tari.
Ġarr ta' materjal f'jumejn — 2 skudi u 6 tari.
Tqegħid ta' l-opramorta bejn il-knisja u d-dar tal-Kappillan inkluż il-materjal — 6 skudi.
Tavla u msiemer — 2 skudi u 3 tari.
Ħadid u xogħol — 2 skudi u 4 tari.

IT-TIELET KNISJA TA' SANTA MARIJA

Għad li t-tieni knisja saritilha tiswija tajba u donnha bdiet terġa' tidher bħalma kienet fil-bidu tagħha, iż-żmien kien hemm u fl-istess ħin Dun Salv Sammut, li kien f'dak iż-żmien wieħed mill-prokuraturi tal-Parroċċa, beda joħlom li jara knisja oħra, mibnija fuq stil li kien dieħel sewwa fil-gżira, knisja dedikata lill-Madonna taħt l-istess titlu li kellhom iż-żewġ knejjes l-oħra ta' qabilha.

Għalhekk, għad li baqgħu jsiru l-Festi tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema, kull 15 ta' Awwissu, b'ċerta solennita', bħalma nafu li saru fis-snin 1836 u 1837, fit-tieni knisja, (7) Dun Salv assolutament ried li jibni din il-Knisja l-ġdida, akkost li jagħmel kull sagrifiċċju personali. Dun Salv ħallielna miktub minn fejn ġew parti mill-ispejjeż għall-bini ta' din il-Knisja. Fil-"Libro Bilanciale della Parrocchiale Chiesa di Balzan 1809-1858" insibu li: "Għall-bini tal-Knisja ta' Santa Marija ġiet imħallsa s-somma ta' 1000 skud; Dun Salv Sammut ħareġ 800 skud u l-200 skud l-oħra ħariġhom Mons. Caruana ta' Filomen u l-familja tiegħu, Mons. Sant u familji devoti oħra ħarġu 800 skud u z-ziju tal-Prokuratur Dun Salv Sammut ħareġ 350 skud, nofs is-somma ta' l-iskannell tal-Kor li qam 700 skud." (8)

Meta nbniet din il-Knisja

Din it-Tielet Knisja ddedikata lil Santa Marija nbniet fis-sena 1846 u damet tinbena inqas minn tliet snin. Dan insibuh fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof Publius Maria Sant lil din il-Knisja nhar il-25 ta' April 1849 fejn igħid li: "Din il-Knisja ta' Santa Marija ġiet mibnija fis-sena 1846 bil-ħila u x-xogħol ta' Dun Salv Sammut". (9)

Il-bini ta' din il-Knisja sar meta kien hawn bħala Kappillan ta' din il-Parroċċa Dun Mikielanġ Borg.

Il-Knisja minn barra

Iċ-ċimiterju li kien hawn quddiem din il-Knisja sa mis-sena 1591 (10) kien maż-żmien tneħħa u llum sar pjazza, u quddiem il-Knisja nsibu zuntier ċkejken.

Din il-Knisja fiha tliet bibien, għad li tnejn biss jistgħu jiġu wżati. Il-faċċata ta' din il-Knisja tolqtok għall-eżattezza tax-xogħol arkitettoniku tagħha. Mill-pjazza tidher il-koppla ħelwa li tispiċċa b'anterna li qisha kuruna poġġuta fuq ras din il-Knisja.

Il-bieb prinċipali jħares lejn nofsinhar. Fil-panewijiet ta' dan il-bieb hemm maqtugħin żewġ twieqi żgħar imħarsa minn żewġ gradi tal-ħadid li minnhom id-devoti setgħu fl-imgħoddi jinvistaw lil din il-Knisja meta l-bibien kienu jkunu magħluqa.

F'nofs il-faċċata hemm tieqa tonda li minnha jidħol id-dawl għal fuq l-orgni u għal ġol-

(Jissokta f'paġna 2)

NIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD



RITRATT TA' KIF KIENET TIDHER IL-KNISJA PARROKKJALI GHALL-FESTA TAL-LUNZJATA MADWAR SEBGHIN SENA ILU.
Il-faċċata kienet għadha tinxtegħel biż-żejt, u fuq il-lemin tal-Knisja jidher is-sellum li miegħu kienu jitilgħu sabiex jixegħluha. Jidhru wkoll il-fanali li kienu jinxtegħlu quddiem l-istatwi tal-ġebel ta' fuq iz-zuntier, u wkoll fanal ieħor fil-kantuniera tad-dar ta' quddiem il-Knisja. Is-salib ta' fuq il-frontispizju mhuwiex l-istess wieħed li hemm illum, u d-disinn tat-tieqa tonda fil-faċċata tal-Knisja huwa ferm iżjed elaborat minn dak tal-lum. Ninnutaw ukoll is-siġar tal-fikos li kienu jdawru z-zuntier.

ELITE
OF SOUTH STREET, VALLETTA
proudly announce the opening of their New Branch at
8, TAGLIAFERRO CENTRE, SLIEMA
and the introduction of their new
BOYS WEAR DEPARTMENT
in both branches in Valletta and Sliema
ELITE
THE EXCLUSIVE CENTRE FOR
MENS WEAR
— BOYS WEAR —
SCHOOL WEAR —
DRESS WEAR
HIRE SERVICE —
DRY CLEANING AGENTS

EDITORJAL

* IL-FESTA TITULARI

Il-festa reġgħet waslet. Id-dilettanti tagħna ilhom xhur sħaħ iħejju u jagħmlu ħilithom sabiex il-festa tkun suċċess bħal fl-imgħoddi. Il-każini tagħna bħalissa jkunu mimlijin ħidma aktar mill-bqija tas-sena; kulħadd imidd idejh mill-aħjar li jista' — min isensel il-karti u jorbot il-liedna, min jagħti mesħa żebgħa lil xi biċċa armar qadima, min ifarfar statwa, min jara x'tiswijiet hemm bżonn fil-bandalori, min jagħti daqqa t'id lil tan-nar, u min ħaġa u min oħra. Fit-toroq tagħna wkoll ma tarax ħlief irġiel ibajdu u jiżbgħu l-faċċati tad-djar tagħhom għax il-festa qorbot.

Il-knisja dalwaqt tibda xxidd l-ilbies tagħha tal-festa: jibda jiddendel id-damask, it-tużell majestuż isib postu fuq l-artal maġġur, u jintramaw il-fided u l-aħjar gandlieri u fjuretti li tant jixirqu lill-Knisja ħelwa tar-raħal tagħna li fil-jiem tal-festa tkun l-għaxqa tal-Balzanin kollha.

Iżda din is-sena, il-festa għażiża tagħna donnha ġejja barra minn żmienha. Għallinqas din hija l-espressjoni fuq fomm il-Balzanin kollha. Din il-bidla fid-data tal-festa titulari li, għandna nifhmu, ma saritx mingħajr raġuni, xejn ma ntlaqgħet tajjeb mill-għadd kbir tal-Balzanin għal ħafna raġunijiet.

L-ewwelnett, fit-2 ta' Settembru ħafna Balzanin ikunu għadhom fil-postijiet tal-villeġġjatura u jkun ta' skomdu kbir għalihom li joqogħdu jinqalgħu biex jiġu jnaddfu u jarmaw djarhom għall-festa. Barra dan, din is-sena hemm ċans li l-festa tiġbed inqas nies minn barra r-raħal għax il-poplu jkun ilu li xeba' jdur il-festi fl-ibliet u r-rħula ta' Malta.

Il-Balzanin, li dari l-festa tagħhom kienet tkun waħda minn tal-bidu li jiġu ċċelebrati, qed iħossu li f'dawn l-aħħar snin il-festa titulari ġiet imċaqilqa wisq. Għalhekk hemm bżonn li għal li ġej il-festa niċċelebrawha fid-data ffissata li għandha. Wara kollox, il-festa hija tal-poplu kollu għax huwa l-poplu li qed jikkontribwixxi għaliha — u la hi tal-Kappillan u l-kleru, u lanqas tal-każini. U għalhekk l-ebda ċaqliq fid-data tal-festa m'għandu jsir mingħajr l-approvazzjoni tal-poplu.

* IL-KNEJJES IŻ-ŻGĦAR

Fl-editorjal ta' l-aħħar ħarġa tal-gazzetta tagħna konna tkellimna dwar il-knejjes iż-żgħar tar-raħal, u konna semmejna s-suġġerimenti li l-Kunsill Ċiviku tagħna għamel lill-Kappillan. Il-Kappillan kien tana l-kelma tiegħu li beħsiebu jagħmel ħiltu kollha sabiex jara l-knejjes iż-żgħar imnaddfa mill-armar tal-festa u rrestawrati kif jixirqilhom.

Iżda s'issa x'sar minn dan kollu? Imxejna xi ftit 'il quddiem jew tar kollox mar-riħ? Smajna li s-sorijiet tal-Bon Pastur lesti joffru maħżen imdaqqas sabiex fih jintrefa' l-armar tal-festa. Għax ma nagħmlux xi ħaġa pożittiva u mmorru naraw dal-maħżen huwiex adattat forsi, għall-festa li ġejja, l-armar joħroġ u le jidħol f'dawn il-knejjes żgħar? Ma nħallux issirilhom iżjed ħsara għal inkella l-ispejjeż biex nirranġawhom ikunu hekk kbar li ma nkunux nifilħuhom!

DJAKNU ĠDID BALZANI



Nhar il-Ħadd 5 ta' Awwissu, fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi mexxa Ordinazzjoni Sagra li fiha ħa l-ordni tad-Djakonat is-seminarista Mattew Magri minn Ħal Balzan. Din l-okkażjoni ma tistax ma timliex bil-ferħ lill-Balzanin kollha meta niftakru li l-Parroċċa tagħna issa ilu żmien ma jkollha qassis mir-raħal.

Mattew Magri twieled f'Ħal Balzan nhar it-2 ta' Awwissu 1946 minn Vincenzo u Assunta Magri. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja ta' Ħal Balzan/Ħal Lija, u mbagħad fil-Liċeo tal-Ħamrun. Sa miċ-ċokon tiegħu huwa trabba fil-Museum, u baqa' membru attiv fil-qasam ta' Ħal Balzan sakemm kellu 20 sena meta mbagħad daħal is-Seminarju, fejn għadu qed jagħmel l-istudji tiegħu għas-saċerdozju.

Mattew issokta l-istudji għoljin tiegħu fl-Universita' Rjali ta' Malta, fejn is-sena li għaddiet kiseb il-grad B.D. (Baċellerat fit-Tejoloġija). Fit-13 ta' Frar ta' din is-sena, huwa ħa l-Ministeru tal-Lettorat mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, u fit-18 ta' April irċieva l-Ministeru ta' l-Akkolitat mill-Isqof Emmanuel Gerada.

Aħna nifirħu lil Mattew Magri u nitolbu 'l Alla sabiex iseddqu fil-vokazzjoni tiegħu ħalli b'hekk, jekk Alla jrid, f'Lulju tas-sena d-dieħla l-Parroċċa tagħna jkollha ħaddiem ieħor jaħdem fil-qasam tal-Mulej.

XI MARD TAT-TFAL

mit-Tabib

F'DAN L-ARTIKLU NIXTIEQ NIKTEB FUQ TLIET MARDIET KOMUNI TAT-TFAL — JIĠIFIERI, IL-GATTONE, IL-ĦOŻBA, U S-SOGĦLA KON VULSIVA.

Il-gattone tolqot mhux biss it-tfal imma wkoll il-kbar. Din il-marda tittieħed permezz tan-nifs. Din il-marda ma tantx hi nfettiva u wara li tittieħed din il-marda għandha tmintax-il ġurnata sakemm tinfexx. Tfal li jimirdu bil-gattone jkollhom ftit tad-deni u jkunu meħdula. Il-gattone taffettwa l-glandoli li jagħmlu l-bżieq (minn dawn il-glandoli għandna tliet pari). Minħabba l-fatt li meta dawn it-tfal ikollhom dawn il-glandoli minfuħa wiċċhom ikun imfaqqa' donnu dak ta' qattus, din il-marda ħadet l-isem ta' 'gattone', li bit-Taljan tfisser qattus. Din il-marda tista' taffettwa wkoll il-moħħ, il-frixa, kif ukoll l-organi sesswali fil-mara u fir-raġel. Għalkemm din il-marda ħafna drabi xejn mhi serja, f'xi każijiet tista' tkun kaġun anke ta' mwiet, speċjalment fil-kbar. M'hemm l-ebda trattament speċjali għal din il-marda.

Il-ħożba hija waħda mill-iżjed mard komuni fit-tfal. Din l-infezzjoni tittieħed permezz tan-nifs. Għall-bidu ta' din il-marda t-tifel jkollu deni qawwi, għajnejh idemmgħu u jkunu ħomor, jibda jagħtas u mnifsejh ikunu mimlija katarru. X'aktarx li jkollu xi ftit tas-sogħla u leħnu jkun maħnuq. Fuq il-ġewwieni ta' ħalqu jkollu tikek bojod u f'dan l-istadju din il-marda hija nfettiva ħafna. Iktar 'il quddiem it-tifel joħroġ ir-raxx tal-ħożba, u dan ir-raxx jikkonsisti f'tikek ħomor fuq diversi bnadi tal-ġisem tat-tifel. Fost il-komplikazzjonijiet ta' din il-marda nsibu l-bronkopulmonite, infezzjonijiet tal-widna, l-enterite, l-appendiċite, u infezzjonijiet tal-moħħ. Il-kura ta' din il-marda hija sempliċi ħafna u tikkonsisti filli wieħed jikkontrolla d-deni u jara li t-tifel ikun qed isostni ruħu tajjeb, u jekk ifeġġu xi komplikazzjonijiet wieħed għandu jibgħat għat-tabib. Hawn vaċċini kontra din il-marda.

Is-sogħla konvulsiva taffettwa l-iżjed it-tfal taħt il-ħames snin. Il-marda tittieħed permezz tan-nifs. It-tifel għall-ewwel ikollu ftit ta' sogħla ħafifa u għajnejh jibdew idemmgħu, u ftit ġranet wara s-sogħla ssir iktar qawwija u t-tifel jibda jisgħol waħda wara l-oħra, u wara attakk ta' sogħla t-tifel jieħu nifs qawwi 'l ġewwa u x'aktarx li jibda jaqta' l-bili. Fost il-komplikazzjonijiet ta' din il-marda nsibu l-bronkopulmonite, il-konvulżjonijiet, u ħafna komplikazzjonijiet oħra. It-trattament hu li t-tifel jinżamm fis-sodda u jingħata mistura biex joqtol il-mikrobi. Din il-marda tittieħed ħafna, imma meta wieħed jeħodha ma jistax jerġa' jeħodha.

Siltiet mill-Istorja ta' Ħal Balzan

(Jaqbad minn paġna 1)

Knisja. Il-faċċata tispiċċa bi prospettiva sabiħa ħafna li tibqa' tielgħa 'l fuq sa ma tagħlaq b'salib tal-ġebel. Il-pilastri bil-kapitelli tagħhom ikomplu jżejnu l-faċċata ta' din il-Knisja.

Il-ġnub ta' din il-Knisja huma ta' l-istess daqs tal-faċċata prinċipali u għalhekk jirrendu l-Knisja angolari. F'kull ġenb hemm bieb kbir u tieqa tonda fuqu. Min-naħa tal-punent il-bieb u t-tieqa ma jidhrux minn barra għaliex fl-1860 il-prokuratur Dun Anton Fenech kien qabbad lill-bennej Mastru Tumas Dingli biex iżid xi kmamar mad-dar li hemm tmiss mal-Knisja. (11) La qed insemmu din id-dar li hemm tmiss mal-Knisja tajjeb li ngħidu li din id-dar kienet inbniet fl-istess żmien li kienet inbniet il-Knisja u li l-Perit Mastru Vincenzo Sammut, nhar is-6 ta' Ottubru 1845, irċieva s-somma ta' 43 skud u 9 tari tal-perizja tiegħu għal din id-dar. (12)

Il-Knisja minn ġewwa

Jekk il-Knisja hi arkitettonikament sabiħa minn barra aktar u aktar hi minn ġewwa. Mill-bieb ta' barra sal-apside hi twila mat-30 pied u hi wiesgħa mal-24 pied. Tikkonsisti f'erba' pilastri prinċipali li minn fuq huma magħqudin ma' xulxin minn erba' arkati li fuqhom tistrieħ il-koppla li tispiċċa b'anterna li llum turi ċar li għandha bżonn ta' riparazzjoni.

Fuq kull bieb tidher it-tieqa tonda u fil-vojt ta' l-arkati tal-ġnub hemm tieqa kbira rettangolari.

Fil-faċċata hemm l-apside li tibda mill-għoli ta' tarġa li sservi ta' presbiterju. Fin-nofs hemm l-uniku artal ta' din il-knisja. Il-mensa tiegħu hi tal-ġebel u l-faċċata tagħha hi mimlija skultura u fin-nofs tagħha hemm il-post fejn kien jista' jitpoġġa xi Korp Sant. L-iskannell ta' l-artal hu ta' l-irħam isfar bl-isfond aħdar. 'Il fuq mill-artal hemm il-Kwadru li fih ix-xbieha tat-Tlugħ ta' Marija Santissma fis-Sema. Dan il-kwadru hu mdawwar minn gwarniċ tal-ġebel kollu skultura. Din l-apside tispiċċa b'arzella li fiha hemm raġġiera tal-ġebel u li f'nofsha hemm impittra xbieha tal-Missier Etern imdawwar minn għadd ta' Anġli.

Fil-ġenb ta' l-artal fl-istess apside hemm bieb fuq kull naħa li kienu jagħtu għas-sagristija. Fuq kull bieb hemm sfond li jista' jservi għal kwadru fuq kull naħa.

Fuq il-bieb prinċipali hemm il-gallerija ta' l-orgni li kienet imżarsa minn għadd ta' mazzarelli ta' l-injam skolpiti ħelu ħafna. Illum jidhru biss xi fdalijiet ta' l-orgni.

Mad-dawra kollha tal-Knisja għadhom jidhru l-imsiemer li magħhom kien jiddendel id-damask li kien jiksiha kollha. Anke s-sopraporti għadhom hemm fejn kienu magħhom jiddendlu l-purtieri.

Il-paviment ta' din il-Knisja hu taċ-ċangatura, iżda fin-nofs insibu lapida tar-rħam li tgħatti l-qabad tal-Benefattur kbir ta' din il-Knisja, Dun Salv Sammut. Il-lapida fiha din l-iskrizzjoni:

D.O.M.
Sacellum Hoc
Sub Titulo Deiparae Virginis
Christianorum Auxiliatricis
Vetustate Pene Collapsum
Sacerdos Salvator Sammut
Pullicino
Delineata Elegantiori Forma
Propria Opera Et Labore A
Fondamentis Excitavit
Ac Universa Supellectili Sacra
Ditavit
Anno Redempti MDCCCXLVI
Et In Eo Uti Vivens Delicias
Animae Suae Nactus
Dormitionis Locum Sibi
Morituro Elegit
Siste Viator
Lucem Ac Aeternam Requiem
Deprecaminor
Fato Cessit Die XXI Septembris
MDCCCLIX
Aetatis Suae LXXIII

Bil-Malti tfisser:

Dan il-lok qaddis dedikat lil Marija Santissma taħt it-titolu ta' Għajnuna ta' l-Insara (Santa Marija) li kien kważi rvinat miż-żmien u t-tempesti l-imgħoddija ġie mibni mill-ġdid b'forma aktar sabiħa mis-Saċerdot Dun Salv Sammut Pullicino bil-ħidma u l-abilta' tiegħu li għalih ta l-ġid kollu li kellu fis-sena tal-Fidwa 1846. Wara li żejjen b'kull ma kien meħtieġ dan il-lok, ħaseb biex jagħżel dan il-post biex fih jiġi midfun. Ara, int li għaddej nitolbok, il-post tal-mistrieħ u ta' dawl ta' dejjem. Miet nhar il-21 ta' Settembru 1859 fl-għomor ta' 73 sena.

B'hekk ġejna fit-tmiem tat-tagħrif dwar il-Knejjes iż-Żgħar li bħal ġawhar iżejnu l-kuruna tal-Parroċċa ta' Hal Balzan.

REFERENZI:

1. LABINI V.: Visit. Past. fol 97. Ark. Arċiv.
2. LABINI V.: Visit. Past. fol 120 Ark. Arċiv.
3. LABINI V.: Visit. Past. fol 115 Ark. Arċiv.
4. LABINI V.: Visit. Past. fol 78 Ark. Arċiv.
5. MATTEI F.: Visit. Past. fol 107 Ark. Arċiv.
6. Libro Introiti diversi: Lib. 30 p. 43 Ark. Parrokkjali.
7. Libro Conti Esito 1809 — 1850: Lib. 26. Ark. Parr.
8. Libro Bilanciale 1809 — 1858: Lib. 24 Ark. Parr.
9. SANT P.: Visit. Past. fol 189. Ark. Arċiv.
10. ALPHERAN F.: Visit. Past. fol 323. Ark. Arċiv.
11. Libro Conti Esito 1809 — 1850: Lib. 26. Ark. Parr.
12. Op. Cit.

SPORTS

minn LAWRENCE SCICLUNA

Dan l-aħħar, intemm il-'league' tal-futbol 'Under 15'. Il-'league', bħal dak ta' qablu li sar fil-bidu tas-sena, kien interessanti ħafna u baqa' indeċiż sa l-aħħar. Dan narawh mill-fatt li qabel l-aħħar logħba kien hemm erba' timijiet biċ-ċans. Il-'Balzan Gunners', li fl-ewwel rawnd kellhom ċans tajjeb li jirbħu dan il-'league', tilfu fis-semifinali mal-'Balzan Juventus', u hekk dawn waslu għall-final mal-'Balzan Youngsters'. Il-final kien sabiħ ferm, għalkemm kien hemm ftit nuqqas ta' qbil minħabba xi ideat ta' l-organizzaturi li setgħu wasslu għal xi nkwiet; iżda kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid. Fuq l-organizzazzjoni ngħidu xi ħaġa f'ħarġa oħra, u dan nagħmluh sabiex l-affarijiet isiru aħjar u jkunu aktar sbieħ. Nerġgħu għall-final. Dan intrebaħ mill-'Balzan Juventus' bl-iskor ta' 2-1. Wara l-partita, il-plejers ġew mogħtija t-'Trophy' u fost il-ferħ tas-'supporters' tagħhom ġrew fil-pjazza bil-'captain' tat-tim, Raymond Chetcuti, fuq l-ispalel. Aħna nagħtu l-awguri tagħna lit-tim rebbieħ, u fl-istess ħin ngħidu 'kuraġġ' lit-timijiet l-oħra kollha.



Dan ir-ritratt huwa tat-tim 'Balzan Juventus' meta dan rebaħ l-ewwel 'league' tal-'Under 15' li ntlagħab fis-17 ta' Frar ta' din is-sena.

VALLEY BUTCHER
John Pullicino
FOR FIRST CLASS MEAT
AND SERVICE
121, Valley Road, Balzan
Telephone: 42066

Inħarsu l-festa ta' Marija Annunzjata billi nagħmlu qrara tajba u billi nieħdu sehem sħiħ fil-funzjonijiet reliġjużi li jsiru fil-Knisja. Fuq kollox, nersqu ta' spiss ħalli nirċievu dak l-istess ġisem li hija laqgħet fi ħdanha mat-tħabbira ta' l-Arkanġlu San Gabriel.

ROKNA GHAT-TFAL

Għeżież tfal,

Ftit granet ilu kont għaddej minn triq u rajt tifel żgħir jerfa' idejh fuq ommu biex jagħtiha daqqa ta' ponn għax ma riditx tixtrilu ġelat. Jien ħarist lejh bl-ikreh u x'ħin induna bija niżżel rasu, sar aħmar u baqa' miexi.

Bosta huma dawk it-tfal, subien u bniet, illi għalkemm forsi ma jkunux psataż bħal dan it-tifel imma ssibhom spiss jonqsu mill-ġieh li għandhom juru lill-papa' u 'l-mama' tagħhom.

Tfal bil-għaqal u ntelliġenti jifhmu li l-papa' u l-mama' tagħhom mhumiex għalihom bħal kull bniedem ieħor komuni, iżda jafu li wara Alla ħadd mhu għażiż għalihom daqshom.

Din il-verita' għallimhielna Alla stess fil-Kotba Mqaddsa. Infatti aħna meta konna żgħar kienu jgħallmuna li l-Kmandamenti t'Alla jinqasmu fi tnejn: tlieta jmissu Lilu, u sebgħa jmissu lilna. Fost dawn is-sebgħa Alla ried li l-ewwel wieħed ikun: "Weġġah lil missierek u 'l ommok". 'Tweġġah' jiġifieri tħobb u tagħti qima.

Qatt ħsibtu kemm ħabbewkom il-mama' u l-papa' tagħkom meta kontu għadkom żgħar? Hekk kif twelidtu ħadukom il-knisja biex titgħammdu u ssiru nsara, ħbieb ma' Ġesu'. Bosta drabi meta kontu għadkom 'babies' spiss mal-lejl kontu tqumu u tibku u huma msieken joqogħdu mqajmin sakemm jirnexxilhom iraqqdukom mill-ġdid. Barra l-ikel, xorb, u lbies ta' kuljum, ħasbulkom ukoll biex jibagħtukom fl-aħjar skola. Meta tkunu morda l-ewwel tnejn min-nies li jkunu ħdejn is-sodda tagħkom żgur li jkunu huma, u tant il-papa' kemm ukoll il-mama' ma jkunux kuntenti sakemm mill-ġdid jerġgħu jarawkom imfejqin sewwa u b'saħħitkom bħal qabel.

Tieħu tassew pjaċir tiltaqa' ma' tfal li qatt ma jirrispondu 'l ommhom u 'l missierhom, qatt ma jgħidulhom 'le' jew 'ma rridx', iżda kollhom ħlewwa fi kliemhom u lesti li jobdu malajr u bil-ferħa dak kollu li jiġi mitlub lilhom. Tfal bħal dawn ikunu lesti li jnaqqsu mil-logħob tagħhom u jgħinu wkoll fil-faċendi tad-dar, speċjalment meta l-papa' u l-mama' tagħhom ikunu morda. Għal tfal bħal dawn insibu fil-Kotba Mqaddsa li Alla wegħidhom "għomor twil" fid-dinja barra mill-premju tal-ġenna.

Għalhekk, tfal għeżież, kunu bravi dejjem mal-papa' u l-mama' tagħkom, ħobbuhom billi tobduhom f'kollox, uruhom li tafdaw fihom billi fil-bżonnijiet tagħkom tifthu qalbkom magħhom, qatt terfgħu spallejkom u turuhom li ma jimpurtakomx minnhom. Żommu quddiem għajnejkom li dawk fid-dinja huma minflok Alla biex jindukrawna u jmexxuna. Qabel ma torqdu jew meta tkunu ħerġin mid-dar itolbuhom dejjem il-'benedizzjoni', u żgur li għall-kelma tagħhom 'kunu mberkin' il-Bambin iberikkom u jkun Hu stess il-premju tagħkom fis-sema.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Billi l-ħarġa ta' din il-gazzetta hi l-aħħar waħda qabel il-festa ta' Marija Santissma Annunzjata, festa titulari tar-raħal tagħna, tkun ħaġa xierqa li l-kompetizzjoni ta' din id-darba jkollha x'taqsam mal-festa tagħna. Hawn taħt issibu ħames mistoqsijiet li t-tweġibiet tagħhom għandhom x'jaqsmu ma' din il-festa. Kulma għandkom tagħmlu hu li twieġbu dawn il-mistoqsijiet:



1. **F'liema sena saret l-istatwa tal-Lunzjata?**
2. **Min għamilha din l-istatwa?**
3. **Ta' xiex inhi din l-istatwa?**
4. **Min huma ż-żewġ figuri li fiha?**
5. **Meta ssir il-festa liturġika, jew aħjar il-proprja festa, ta' Marija Annunzjata?**

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq jew impustawh intom stess fil-'letterbox' tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Fuq l-envelop iktbu biss KOMPETIZZJONI. Tinsewx tniżżlu fuq il-karta l-isem u l-indirizz tagħkom. Għandkom żmien sal-Ġimgħa, 31 ta' Awwissu, 1973.

N.B. Min jaqra l-artikoli kollha ta' din il-ħarġa għandu jsib ħafna mit-tweġibiet.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma:

1. Karrijiet (Maskarati); 2. Parata; 3. Maskra; 4. Baned; 5. Perlini; 6. Ballu; 7. Randan; 8. Kavallieri.

L-ittra 'u' tiġi l-aħħar waħda fl-alfabet.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa **Raymond Muscat** li joqgħod 49, Triq San Valentinu, Ħal Balzan. Il-premju ta' nofs lira nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

HAL BALZAN DARI U LLUM

minn **Valentino Muscat**

KIEKU XI BALZANIN LI ĠISIMHOM LAQGĦETU L-ART IMBIERKA TAL-PARROĊĊA TAGĦNA META DAWN ĦALLEW DAN IL-WIED TAD-DMUGĦ KELLHOM IĦALLU GĦAL FTIT DAN IL-POST TAGĦHOM TAL-MISTRIEĦ U JDURU DAWRA MA' ĦAL BALZAN TAL-LUM, ŻGUR LI KIENU JAĦSBU LI QED JOĦOLMU U MA JEMMNUX LI DAN HU ĦAL BALZAN, RAĦAL TWELIDHOM.

Hekk kif joħorġu minn dan it-tempju mqaddes l-ewwel mistoqsija li kienu jagħmlu kienet tkun: "Fejn huma dawk is-siġar tal-fikos li kienu jdawru z-zuntier?" Veru li l-ħdura tagħti l-ħajja, imma dawn is-siġar kienu tant kibru li kienu għalqu l-ftit spazju li kien hemm, imbarra li kienu wkoll igħattu nofs il-knisja. Għalhekk inqalgħu biex jagħtu l-arja u jikxfu l-knisja. kif ukoll biex ma jagħmlux ħsara lill-balavostrar taz-zuntier li kien għadu kemm sar ġdid.

Jekk imbagħad, kif kienu jkunu għadhom fuq iz-zuntier, kienu jagħtu daqqa t'għajn lejn il-lemin żgur li kienu jindunaw bil-bidla li saret f'din in-naħa. Qed ngħid għall-wesgħa fin-naħa tal-lemin tal-knisja (fejn fil-festa titulari jsir il-logħob tan-nar ta' l-art) kif ukoll għall-bini ta' Triq l-Annunzjata li fi żmienhom ma kenitx għajr sqaq li minnu kienu jgħaddu għall-egħlieqi li kien hemm u li fi żmien il-festa kien iservi biex dawk li jbiegħu l-qubbajt kienu jorbtu l-ħmir tagħhom fih. Nifttakar fi tfuliti darba wieħed minn dawn il-ħmir tant għoġbu l-post li ma riedx jitlaq minnu, għax meta sidu mar għalih sabu mejjet stendut ma' l-art.

Meta mbagħad dawn kienu jinżlu miz-zuntier kienu jieħdu ftit tar-ruħ meta jaraw il-pompa ta' l-ilma li huma jafu u li min jaf kemm karkru minnha bramel ta' ilma frisk! Imma kif jiddiżappuntaw ruħhom meta jsibu li din waqfet mix-xogħol tagħha u m'għadhiex taqta' l-għatx ta' min ikun irid belgħa ilma friska!

U xi jgħidu mbagħad meta ma jilmħux dik it-triq dejqa li minnha kien igħaddi karozzin ħażin ħażin, u kif jistagħġbu meta jaraw il-wesgħa li tasal sa quddiem il-Każin Marija Annunzjata u jsibu ruħhom f'dak il-beraħ kollu? Veru li huma jafu wesgħa oħra li kienu jsejħulha l-Misraħ. Biss, biex nifhmu ċ-ċokon ta' dan il-misraħ ta' min isemmi li f'dan il-misraħ fil-festa tar-raħal kienet tintrama' l-istatwa tal-Papa Ljun XIII, tar-'Rerum Novarum', fuq pedestall għoli b'ħafna statwi iżgħar imdawrin mat-tromba tiegħu. Dan il-pedestall kien iħalli ftit spazju biex jintrama' l-planċier tal-banda li allura kien jagħlaq id-dħul ta' Triq Idmejda. Forsi hawn xi ħadd jistaqsi: "Allura kif kienet tgħaddi l-purċissjoni għal ħdejn il-Bon Pastur biex imbagħad tinżel mit-triq ta' quddiem il-knisja?" It-tweġiba għal din il-mistoqsija tiġi aktar 'il quddiem.

U la konna nitkellmu fuq l-istatwa tal-Papa Ljun XIII li kienet tagħlaq il-misraħ ta' dak iż-żmien, għajb li llum li hawn dalberaħ kollu din l-istatwa li kienet l-ewwel waħda fost l-istatwi li saru minn Vincenzo Cremona mill-Belt Valletta għat-tiżjin tat-toroq, u li skond kif smajt mill-antenati ta' dan ir-raħal kienet saret fl-1900 fiċ-ċentinarju ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, marret ngħalqet f'post fid-dlam fejn ħadd ma jista' jaraha. U la darba dawn in-nies għadhom ma tbiegħdux minn dan il-beraħ, dawn żgur li jgħidu: "Fejn hu l-ġnien u l-parapett ta' l-Isqof Pace li dam għal bosta żmien igħix f'dan ir-raħal?" Min jaf kemm minnhom intasbu bil-qiegħda fl-art u qattgħu ma nafx kemm ħin ipaċpċu ma' dan l-isqof twajjeb w umli!

Dawn żgur li jkomplu jiskantaw meta jaraw dak il-bini ġdid li tiela' 'l hinn minn din il-wesgħa, irrid ingħid għal dak il-bini li tiela' fit-triq il-ġdida li tibda mit-tarf tal-pjazza ta' wara l-knisja u li fi żmienhom ma kenitx għajr trejqa ddur maddawra kollha tal-knisja. Din it-trejqa, li kienet iġġib l-isem ta' Triq il-Knisja, kienet l-għaxqa ta' dak li kien jispara l-maskli fil-festi prinċipali ta' dan ir-raħal, jiġifieri fil-festa ta' Marija Santissma Annunzjata u fil-festa ta' San Valentinu Martri. Dan, meta jara li l-kamra fejn kien jerfa' dawn il-maskli m'għadhiex teżisti u li issa l-post fejn kien jisparahom m'għadux hemm, żgur li għajnejh jibdew idemmgħu u qalbu tingħafas.

Dawn in-nies se jkomplu jaraw tibdil kbir fir-raħal kif jafuh huma, meta huma jinżlu aktar 'l isfel minn Triq il-Kbira huma w sejrin lejn Birkirkara. Hawnhekk dawn ma jafux ħlief raba' u żgur jistagħġbu meta jaraw li dan ir-raba' nbena kollu u ma jsibux dar waħda vojta. Dawn l-imsejknin nies Alla biss jaf kemm qtajja' ħadu f'dawn l-inħawi fl-iljieli mudlama tax-xtiewi huma w ġejjin lura lejn darhom minn fuq il-post tax-xogħol tagħhom meta xi ħadd kien jaqbeż fuqhom biex joħdilhom dak li kienu qalgħu bl-onestà tagħhom.

It-trufijiet tar-raħal, li f'dak iż-żmien kulħadd kien jibża' jsib ruħu fihom hekk kif ix-xemx ma tibqax twennes bid-dawl tagħha u l-lejl ikun ġa firex il-mant ikrah tiegħu, tbiddlu għal kollox. Fejn dari kont tara raba' w dlamijiet illum issib djar sbieħ u vilel kollha mdawla u toroq bi dwalijiet li jwennsu u jqawwu l-qalb ta' kull min igħaddi minnhom. U issa li qegħdin nitkellmu mit-trufijiet tar-raħal, meta dawn in-nies jaslu 'l fuq mill-ġonna ta' San Anton dawn jibqgħu b'ħalqhom miftuħ meta jaraw kif tbiddlu dawn l-inħawi. "Fejn hi l-linja tal-ferrovija?" xi ħadd minnhom żgur jistaqsi. "U fejn hu dak il-kamrin jew aħjar l-istazzjon żgħir b'dak ir-raġel dejjem għassa biex x'ħin tkun ġejja l-ferrovija jagħlaq it-triq b'katina minn ħajt għal ieħor?" Dawn żgur jistagħġbu b'dak li sar f'din il-parti tar-raħal tagħhom.

U meta dawn ikomplu telgħin 'il fuq fit-triq li tieħu għar-Rabat l-istagħġib tagħhom jinbidel f'niket meta ma jsibux dawk il-ħitan tas-sejjieħ fejn f'jum l-Imnarja wara nofs in-nhar kienu jintasbu bil-qiegħda fuqhom igerrmu l-ful li kienu jkunu nkaljaw fin-nofs ta' nhar ta' fil-għodu u jixorbu xi belgħa ilma friska jew xi flixkun ġinġer mingħand xi bejjiegħ li japprofitta ruħu minn din l-okkażjoni. Għalfejn kienu jmorru jintasbu hemm f'dan il-jum? Kienu jmorru hemm biex filwaqt li jqattgħu ftit tal-ħin kienu jitpaxxew meta jaraw xi żiemel jew xi annimal ieħor tat-tiġrija għaddej b'xi palju li jkun rebaħ fit-tiġrija li ssir ir-Rabat f'din il-festa. Minn dawn il-paljijiet mhux wieħed u tnejn kienu jgħaddu u kienu jkunu ta' bosta lwien — ħomor, ħodor, vjola, bojod. Ta' min igħid li minn dawn il-paljijiet għandha l-knisja tagħna. Wieħed minn dawn hu l-ventartal aħmar li jintrama' fl-artal maġġur fil-festa ta' San Valentinu.

Hekk imnikktin għal dak kollu li ġie lilhom miċħud minħabba dat-tibdil kollu, daħħluha f'rashom li jmorru lura lejn il-post li kienu ħallew. Iżda anki issa kien għad fadal x'jolqot il-ħarsa t'għajnejhom. Meta dawn ġew mill-ġdid fi Triq Idmejda komplew jaraw tibdil bħal dak li raw f'inħawi oħra ta' Ħal Balzan. Spiċċaw dawk l-egħlieqi jħaddru bil-għaraq ta' xbin xi wħud minn dawn in-nies li tant stinkaw u batew biex qalgħu l-għajxien minn dawn l-egħlieqi, li fihom hawn Triq San Valentinu u Triq il-Papa Alessandru VII kif ukoll biċċa minn Triq Sisner b'dawk id-djar u vilel li jpaxxu l-għajn ta' min iħares lejhom.

Mur ara kemm kienu jistagħġbu kieku kellhom jaraw l-istatwa ta' l-Annunzjata nieżla minn Triq il-Kbira ta' quddiem il-knisja fil-jum tal-festa. Żgur li xi wħud minn dawn in-nies jaħsbu li din kienet dik ix-xena li raw fis-sena 1868 meta saret din l-istatwa minn Mastru Salv Dimech, imlaqqam is-Sarċ, Mosti, li kienet ġejja mir-Rabat fejn kienu ndurawha u żgraffewha għall-ewwel darba. L-oħrajn li ma jiftakrux din ix-xena ma jemmnux lil għajnejhom billi dawn ma setgħu qatt jaraw il-purċissjoni ġejja minn din in-naħa. Fi żmien dawn in-nies il-purċissjoni kienet tinżel mit-triq id-dejqa li minn ħdejn il-knisja kienet tasal għall-misraħ li semmejna qabel sabiex tgħaddi minn Triq it-Tliet Knejjes, għal Triq il-Providenza, tibqa' ġejja minn Triq il-Kbira u kienet terġa' titla' mit-triq id-dejqa li għadna kemm semmejna u tibqa' sejra l-knisja. Għalhekk kont għedt li l-planċier tal-banda li kien hemm fil-misraħ kien jagħlaq Triq Idmejda.

La konna ħriġna lil dawn in-nies sabiex iduru dawra mar-raħal tagħhom biex ikunu jistgħu jaraw it-tibdil li sar, tkun ħaġa wisq xierqa li nerġgħu nwassluhom fil-post tal-mistrieħ tagħhom u nitolbu għar-ruħ għażiża tagħhom.

Genuine Antiques, Works of Art, second-hand Household goods, Boutique and Ladies Hair-Stylist all under one roof at:

BENNY'S SHOWROOMS

HIGH STREET, BALZAN

Contractors for upholstery, polishing, frame-making and house decorations

Telephone: 45513

Wirt Dun Gorg f'Hal Balzan

HAMSIN SENA TA' HIDMA – 1923-1973

MINN CARMEL BEZZINA, B. A. TAQSIMA IV

L-AĦĦAR SUPERJUR PARTIKULARI FIL-ĠRAJJA TA' L-EWWEL ĦAMSIN SENA TAL-MUSEUM F'ĦAL BALZAN HUWA S-SUPERJUR VICTOR DELICATA, LI ILU JMEXXI L-QASAM GĦAL DAWN L-AĦĦAR WIEĦED U GĦOXRIN SENA. HUWA LAĦAQ SUPERJUR NHAR IS-17 TA' APRIL 1952, WARA S-SUPERJUR FRANCESCO ZAMMIT. FIT-22 TA' DAK IX-XHAR KIEN MAR IL-QASAM IS-SUPERJUR ĠENERALI EUGENIO BORG U GĦAMEL IĊ-ĊERIMONJA SEMPLIĊI LIS-SUPERJUR IL-ĠDID.

FI ŻMIEN IS-SUPERJUR VICTOR DELICATA — 1952 —

Il-ġrajja tal-qasam tul dawn l-aħħar wieħed u għoxrin sena hija, fil-qofol tagħha, l-istess bħal tas-snin l-imgħoddija. Hija ġrajja ta' tagħlim li ma jaqta' qatt: tfal jidħlu l-Museum, jitgħallmu, jikbru, u mbagħad jaslu għall-għażla ta' ħajjithom — uħud isiru saċerdoti, oħrajn jibqgħu membri fis-Soċjetà Museumina, filwaqt li oħrajn jieħdu l-istat taż-żwieġ u jiffurmaw familja kif irid Alla. Il-ħidma Museumina hija ħidma regolari għall-aħħar, imma b'ebda mod monotona, kif jixhed l-għadd kbir ta' tfal u żgħażagħ li ta' kull jum u f'kull żmien imlew id-dar tad-duttrina hekk li llum nistgħu ngħidu li l-parti l-kbira ta' l-irġiel u ż-żgħażagħ tar-raħal kienet titgħallem fuq il-bankijiet tal-Museum.

Jekk niflu sewwa l-atti tal-qasam f'dawn l-aħħar għoxrin sena nsibu li kważi kull sena saret ċerimonja tat-tfal Magħżulin, u ċ-ċerimonji tal-Kandidati lanqas m'huma neqsin. Dan ifisser li ta' kull sena l-qasam ta' Ħal Balzan sab tfal u żgħażagħ li kienu lesti jħaddnu l-idejal Museumin u hekk jissoktaw l-opra qaddisa li beda Dun Ġorġ.

Xogħol fil-Qasam

Fi żmien is-Superjur Delicata ftit insibu attivitajiet ġodda għax issa l-qasam, wara tletin sena ta' xogħol, kien organizza ruħu f'kull ħidma Museumina. B'danakollu l-lokal fi Triq it-Tliet Knejjes kien jeħtieġ diversi tibdiliet sabiex ikun aktar attraenti għat-tfal u jaqbel mażżminijiet. Is-Superjur Delicata fis ta bidu għal dan ix-xogħol. F'Settembru tal-1952 beda jsir ix-xogħol tal-madum, għax sa dak iż-żmien l-art kienet għadha tal-franka. Inżebgħet il-kappella tal-qasam, u ftit wara sar il-mużajk tat-taraġ. F'Mejju tal-1954 imbagħad inqalgħu xi soqfa qodma u saru tal-konkrit, u l-bejt kollu ġie miksi bil-madum. F'Awwissu ta' l-istess sena sar ukoll xi xogħol fil-ġnien. Ta' min isemmi li ħafna mix-xogħol kien isir b'xejn mis-soċi u l-membri tal-qasam.

Imut l-Ewwel Soċju Balzani

Is-sena 1952 spiċċat fuq nota kemxejn ta' swied il-qalb. Nhar is-7 ta' Diċembru ta' dik is-sena miet fl-Isptar ċentrali s-soċju Balzani Franġisk Vassallo, magħruf b'Ta' Mudest. Frenċ kien iddedika l-aħħar tletin sena ta' ħajtu jaħdem għall-Museum u kien tabilħaqq iben fidil ta' Dun Ġorġ. Bil-mewt tiegħu l-Museum ta' Ħal Balzan żgur kiseb ruħ li titlob kontinwament lil Alla għall-prosperità ta' l-istess qasam. Is-superjur u l-membri tal-qasam ħadu sehem fil-funeral li sar jumejn wara u li għalih kien preżenti wkoll l-ex-superjur Francesco Zammit.

Inqas minn sentejn wara, il-qasam ġarrab telfa oħra, din id-darba ta' wieħed mill-Magħżulin. Nhar it-3 ta' April 1954 miet fl-Isptar San Luqa Louis Grech, tifel fuq ruħu u maħbub ħafna minn sħabu. Il-funeral tiegħu sar mill-isptar għal quddiem il-Museum, fejn kien hemm miġbura t-tfal kollha tar-raħal u wkoll xi membri mill-oqsma ta' Ħal Lija, Birkirkara, u Tas-Sliema, li mbagħad akkumpanjawh sad-difna. Dun Ġorġ kien qal lis-Superjur Delicata li Louis salva ruħu għax kien iħobb jistudja ħafna s-sentenzi 'Leħen il-Maħbub', is-sentenzi li qal Ġesù.

Sajdiet Museumini

Waħda mill-ħidmiet ta' fejda li l-Għaqda Museumina torganizza għall-barranin hija s-Sajda, li tikkonsisti f'ġimgħatejn ta' lezzjonijiet għal kulħadd. L-ewwel sajda li saret fi żmien is-Superjur Delicata bdiet fil-31 ta' Awwissu tal-1953. Din kellha ssir fis-Sala Parrokkjali, iżda minħabba xi ċirkustanzi speċjali ġie deċiż li ssir fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. B'hekk din kienet l-ewwel sajda f'Ħal Balzan, u sa fejn nafu wkoll f'Malta, li saret fil-beraħ. Minn dak inhar sal-lum saret ħaġa normali li s-Sajdiet Museumini jsiru fil-beraħ. L-għeluq ta' din is-sajda kien sar mill-Isqof Emm. Galea, Vigarju Ġenerali. Fi żmien is-Superjur Delicata saru diversi sajdiet oħra: saret waħda f'Ġunju tal-1958, oħra f'Settembru tal-1959, oħra f'Settembru tal-1961, u oħrajn. L-aħħar Sajda Museumina saret f'Ġunju li għadda bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-tifkira ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Museum f'Ħal Balzan.

Attivitajiet oħra


F'Ottubru tal-1954 saret fil-qasam Ġimgħa Marjana b'tifkira ta' l-ewwel ċentinarju mill-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata. F'din il-ġimgħa ġew mistiedna diversi qassisin u patrijiet sabiex ikellmu lit-tfal. Fi tmiem il-ġimgħa mbagħad, it-tfal ġew miktuba fil-labtu tal-Madonna tal-Karmnu.

F'Diċembru ta' dik l-istess sena, il-Kanonku Carmelo Sciberras ħa post Dun Ġużepp Minuti bħala Kappillan ta' Ħal Balzan. Il-laqgħa ta' merħba lill-Kappillan il-ġdid saret nhar il-Milied, u għaliha kienu mistiedna s-saċerdoti kollha tal-Parroċċa. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar mis-Superjur Carmelo Callus, Assistent Superjur Ġenerali ta' dak iż-żmien.

Okkażjoni oħra sabiħa għall-qasam kienet it-tiġdid tal-Konsagrazzjoni tal-Qasam lill-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija. Saru tlett ijiem ta' festi li għalqu b'quddiesa fil-kappella nhar l-20 ta' Ġunju 1956. Qaddes Monsinjur Cilia. Fl-istess okkażjoni tbierket bandalora ġdida li swiet tmien liri u nġabret missoċi tal-qasam.

Kappella Ġdida

Billi kull ma jmur il-għadd tat-tfal li bdew jiffrekwentaw il-Museum baqa' dejjem jiżdied, is-superjur u s-soċi malajr ħasbu sabiex jkabbru l-lokal. Inħasset il-ħtieġa li jiżdiedu l-klassijiet tad-duttrina. Għalhekk ġie deċiż li jinbnew tliet kmamar ġodda fil-ġnien tal-qasam. Iżda biex ma jiċkienx id-daqs tal-ġnien il-membri ħasbu sabiex itellgħu tliet kolonni kbar biex fuqhom jittella' dan il-bini ġdid li jkun jagħmel parti mit-tieni sular. B'hekk il-ġnien ma jitlef xejn mid-daqs tiegħu ħlief li jkollu parti minnu msaqqfa, li wkoll kienet meħtieġa fil-jiem tax-xitwa. Ix-xogħol inbeda fil-25 ta' Awwissu 1958, u għalih saret ġabra mar-raħal kollu. Barra dan, il-Balzanin urew il-ġenerożità tagħhom fil-għotjiet li taw għall-istess għan fis-Sajda Museumina li saret fil-Parroċċa f'Settembru tal-1959. Meta x-xogħol kien lest is-superjur u l-membri biddlu fehmithom u l-bini l-ġdid, minflok ġie maqsum fi tliet klassijiet, beda jintuża bħala Kappella għall-qasam. Il-kappella l-qadima mbagħad ġiet maqsuma b'ħajt u hekk setgħet isservi ta' żewġ klassijiet għat-tagħlim tad-duttrina.



Il-parti l-ġdida tal-qasam li qiegħda fuq wara. Isfel jidhru l-bibien u t-twieqi tal-kappella, waqt li fuq tidher is-sala.

Lejlet il-festa tal-Kunċizzjoni ta' dik is-sena ġiet imbierka l-grotta tal-Madonna fil-ġnien tal-qasam. Dan il-għar tal-ġebel, imżejjen bix-xbihat tal-Madonna u Santa Bernardina, ġie mtella' f'għeluq il-mitt sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes. Iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni tal-għar bdiet bil-wiri ta' xi 'slides' mis-Superjur Abel Giglio, u mbagħad l-għar ġie mikxuf u mbierek minn Dun Ġorġ li wara għamel diskors fuq il-Madonna. Kienu preżenti għaċ-ċerimonja l-Kappillan, Dun Spiridione Sammut, u għadd sabiħ ta' rġiel mill-Parroċċa.

Fl-1960, il-qasam ta' Ħal Balzan organizza esibizzjoni tax-xogħlijiet tat-tfal li kienet tiġbor fiha diversi taqsimiet. Din l-esibizzjoni, li kienet għall-wiri bejn it-18 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru, saret fl-okkażjoni tad-Dsatax-il Ċentinarju minn Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. L-esibizzjoni żaruha ħafna nies, l-aktar missirijiet u ommijiet tat-tfal.

Purċissjoni ta' l-Aħħar ta' Mejju

Waħda mill-attivitajiet tal-qasam li bdiet tiġi organizzata f'dan iż-żmien hija l-purċissjoni bil-Madonna fl-aħħar jum ta' Mejju, festa tar-Regalità ta' Marija. Din saret għall-ewwel darba fl-1961. F'dik is-sena, saret fil-qasam Ġimgħa Marjana u għaliha nġiebet l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li hemm fil-Knisja Parrokkjali. Il-Ġimgħa Marjana għalqet b'purċissjoni mill-qasam għall-Knisja Parrokkjali.

Tul il-purċissjoni ngħad ir-Rużarju u tkantaw diversi innijiet Marjani. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet fil-Knisja Parrokkjali bil-kant tal-'Vestis Honoris' (innu Marjan miktub minn Dun Ġorġ) u t-'Te Deum', u fl-aħħar ngħatat il-Barka Sagramentali.

Billi l-attendenza għal din il-purċissjoni kienet numeruża ħafna u ħadu sehem fiha għadd kbir ta' nies mir-raħal kollu, din il-purċissjoni baqgħet issir ta' kull sena mill-Museum għall-Knisja Parrokkjali. F'din il-purċissjoni kull Għaqda tal-Parroċċa toffri bukkett fjuri lill-Madonna, u t-tfal u n-nies kollha li jattendu jġibu fjur magħhom b'turija ta' qima lil Marija.

Imut Dun Ġorġ

Is-sena 1962 tibqa' miftakra mill-Għaqda kollha Museumina bħala s-sena tal-mewt tal-Fundatur. Nhar il-Ħamis, 26 ta' Lulju ta' dik is-sena ruħ Dun Ġorġ ittajret lejn is-sema sabiex tieħu mingħand il-Mulej il-ħlas ta' ħajja mimlija ħidma għall-ġid ta' l-erwieħ. Il-qasam ta' Ħal Balzan ma naqasx li jieħu sehem fil-funeral li sar lill-Fundatur is-Sibt ta' wara, 28 mixxahar. Barra dan, il-qasam organizza wkoll quddiesa solenni 'de requie' fil-Knisja Parrokkjali għal ruħ Dun Ġorġ. Din saret fil-11 ta' Awwissu. Iċ-ċelebrant kien il-Kappillan u kien mgħejjun minn Dun Ġwann Zammit Hammet u Dun Ġużepp Zammit. F'din il-quddiesa, il-membri ħadu ħsieb iqassmu s-santi tal-Fundatur.

Sadattant, il-purċissjoni bil-Bambin f'lejlet il-Milied bdiet tiġi organizzata ferm aktar bil-kbir. Din il-purċissjoni bdiet fir-raħal fi żmien is-Superjur Spiridione Sammut u ta' kull sena ġibdet għadd ta' nies. Il-membri tal-Museum dejjem fittxew li jkabbru mill-aħjar li jistgħu din id-dimostrazzjoni li kienet tant għal qalb Dun Ġorġ. Maż-żmien bdew jinġiebu xi 'accordions' u xi erba' bandisti sabiex isieħbu lit-tfal fil-kant tal-għanjiet tal-Milied.

Fl-1961 iżżanżan Bambin ġdid u bradella ġdida tal-kawba, u aktar 'il quddiem sett ta' bandalori ġodda. B'hekk din id-dimostrazzjoni tant mixtieqa mill-Balzanin ħadet dehra ġdida.

Bini tat-Tielet Sular

Minkejja li fl-1958 il-qasam kien ġie mkabbar, inqas minn 10 snin wara l-membri ħassew il-ħtieġa li l-lokal jerġa' jikber mill-ġdid. U billi l-art li fuqha hu mibni l-qasam hija limitata ħafna, ġie deċiż li jinbena sular ieħor kemm fuq il-parti l-qadima kif ukoll fuq il-kappella l-ġdida. Wara li nġabu l-permessi meħtieġa, ix-xogħol inbeda f'Marzu tal-1967. In-nies kollha ta' Ħal Balzan reġgħu għal darb' oħra kkontribwew fil-ġbir li sar fil-parroċċa mill-membri tal-qasam, hekk li x-xogħol mexa 'l quddiem ħafna. M'għandniex xi ngħidu, is-superjur u l-membri kollha tal-qasam ma naqsux li jagħtu d-daqqa t'id tagħhom f'dak li hu xogħol ta' ħadid, injam, u żebgħa; b'hekk ġew iffrankati flejjes kbar. Ix-xogħol tat-tielet sular nistgħu ngħidu tlesta għal kollox fl-1971.

Filwaqt li kien qed isir ix-xogħol fis-sular ta' fuq, ġiet irrestawrata l-kappella. Inġieb artal sabiħ tar-rħam flok il-qadim li kien ta' l-injam, inxtrat 'Via Sagra' artistika tal-ġibs għal mal-ħitan, u saru wkoll sett purtieri tad-damask flimkien ma' statwa kbira ta' San Mikiel u żewġ linef waħda fuq kull naħa ta' l-artal. Il-kappella reġgħet infetħet mill-ġdid nhar il-festa tal-Lunzjata, fil-25 ta' Marzu 1969, b'quddiesa fuq l-artal il-ġdid li tqaddset mill-Kappillan.

Quddiesa oħra li saret f'din il-kappella kienet dik li ċċelebra s-saċerdot novell Dun Edwin Parascandolo nhar l-4 ta' Jannar ta' din is-sena. Dun Edwin, li trabba fil-Museum ta' Ħal Balzan u kien ukoll soċju fl-istess qasam, illum qiegħed jaħdem fil-missjoni tal-Brażil. Qabel ħalla Malta, huwa laqa' l-istedina tas-superjur u l-membri u qaddes fil-kappella tal-qasam. Wara l-quddiesa, is-Superjur Delicata offra lil Dun Edwin rigal f'isem il-membri kollha. Il-laqgħa ntemmet bi trattament ċkejken fil-ġnien tal-qasam.

F'din is-sena kien jaħbat ukoll għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Għaqda Museumina f'Ħal Balzan. U għalhekk kienet ħaġa mill-aktar xierqa li din il-ġrajja tiġi mfakkra. Is-superjur u l-membri ħasbu sabiex iħejju programm ta' ċelebrazzjonijiet li fihom kemm jista' jkun jieħu sehem il-poplu kollu. Il-festi bdew nhar it-18 ta' Ġunju b'Sajda Museumina fuq iz-zuntier tal-Knisja u spiċċaw fit-8 ta' Lulju b'quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u 'Te Deum' ta' radd il-ħajr.

B'hekk wasalna fit-tmiem tal-ġrajja tagħna. F'dawn l-erba' kitbiet ma qgħadniex innizżlu kollox ħaġa b'ħaġa, imma tajna biss daqqa t'għajn ħafifa lejn il-ġrajjiet ewlenin li minnhom għadda l-qasam tal-Museum tar-raħal tul dawn l-ewwel ħamsin sena tiegħu. Dan għamilnieh bit-tama li l-Balzanin kollha jifhmu aħjar ix-xogħol li s-Soċjetà tal-Museum qiegħda twettaq fil-Parroċċa, li taħseb għat-tagħlim reliġjuż ta' dawk li għad iridu jkunu l-ġenituri ta' għada. Hekk huma jħossuhom fid-dmir li jibagħtu 'l uliedhom jitgħallmu d-duttrina nisranija li hija s-sies ta' kull għerf ieħor.

(TMIEM)

Nixtieq inrodd ħajr lil dawk kollha li għenuni bit-tagħrif li tawni u b'hekk stajt nigbor din il-ġrajja. Fost l-oħrajn, inrodd ħajr lil-Mons. F.S. Zahra (Balzan); Kan. G. Micallef (B'Kara); Kan. S. Sammut (Balzan); Mikiel Agius (B'Kara); Ġużeppi Asciak (Balzan); Alfred Buhagiar (B'Kara); Joseph Cassano (Balzan); Victor Delicata (Mosta); Kalċidon Mallia (Balzan); Valentino Muscat (Balzan); Carmelo Zahra Buhagiar (Birgu); Carlo Zarb (Balzan).